

# Rabta bejn l-Isptar tal-Ordni u l-Qrendi
## *(It-tieni parti)*

**Kitba ta' Michael Galea**
DPA Pro Merito Melitensi (SMOM)

Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra ppubblikajna l-ewwel parti ta' din ir-riċerka dettaljata dwar ir-rabta li eżistiet bejn is-*Sacra Infermeria*, kif kien magħruf l-Isptar Ospedalier tal-Ordni ta' San Ġwann u personaġġi mill-Qrendi li ġew rikoverati f'dan l-isptar. Din is-sena ser inkomplu bit-tieni parti fejn ser naraw id-dettalji ta' 15-il testment li saru skont l-użanza ta' dan l-isptar. Dawn huma sinteżi ta' dawn il-ħmistax-il testment fejn biex tiġi evitata ripetizzjoni, insibu dawn il-kliem imqassar: AOM –*Archivum Ordinis Melitæ*; O – Oriġinali; R – Reġistru.



**AOM 1732 (O), f. 302. – AOM 1723 (R), f. 239**

In nomen Dom. Ni. Bened. M 5 ta' Ġunju 1717

ANDREA PSAILA , BIN IL-MEJJET Giovanni, c. 56 sena, mill-Qrendi. Jinsab marid f'din is-S. Infermeria wara li rċieva s-Sagramenti ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa, jiddikjara eredi universali tiegħu lil martu Maria ta' kulma jippossjedi, mobbli u stabbli, bl-obbligu però li b'5 onzi tagħmillu l-quddies f'din l-Infermeria. Iħalli wkoll lil Maria Psaila, bint il-mejjet Salvo, *dieci once tempo dieci anni*. Magħmul minn Fra C. Girardin, Prijur ta' din s-S. Infermeria.

**AOM 1732 (O), f. 323. – AOM 1723 (R), f. 243**

Sit nomen D. Ni Bend. M. 16 ta' Settembru 1717

TOMASO VELLA, bin il-mejjet Domenico, c. 45 sena, minn Casal Qrendi. Jinsab marid f'din is-S. Infermeria wara li rċieva s-Sagramenti, iħalli eredi universali u patruna assoluta tal-beni kollha tiegħu, mobbli u stabbli, lil martu Maddalena Vella. Jobbliga lil ħuh Pietro Vella miż-Żurrieq li jagħmillu quddies għal ruħu bis-somma ta' 16-il skud, liema somma tittieħed mill-beni ta' ħuh Tomaso, it-testatur. Il-quddies isir fil-knisja parrokkjali taż-Żurrieq jew tal-Qrendi. Magħmul mill-Fra C. Girardin, Prijur tal-imsemmija S. Infermeria. Xiehda Fra Andrea Zammit u Gio Batta Zammit, sagristan, reġistrat minni skrivan tal-Infermeria. Frere Jean Wijmar.

**AOM (O) 1732, f.411. – AOM (R) 1723, f.277.**

Sit nomen D. Ni benedictum. 11 ta' Diċembru 1719.

GIOBATTA CARUANA, bin il-mejjet Tomaso, minn Casal Qrendi, *al presente infermo in questo Sacro Ospedale, sano di mente benche' infermo di corpo, sapendo esser legge universale di morire*, wara li rrikmanda ruħu lil Alla u lill-Gloriosissima Vergine Maria, irid li l-katavru tiegħu jindifen fiċ-ċimiterju ta' dan s-S. Ospedale, jordna li uliedu bis-somma ta' 5 skudi meħudin mill-beni tiegħu jiċċelebraw quddies letta għal ruħu fil-Knisja tal-Qrendi. Minn dak li jibqa' mill-beni tiegħu, mobbli u stabbli, preżenti u futuri, gius, u pretenzjonijiet it-testatur istitwixxa *colla sua propria bocca* eredi universali lil martu Dominica *che goda dell'usufrutto vita sua durante* u wara mewtha l-eredità tgħaddi għand uliedu f'porzjonijiet ugwali.

**AOM (O) 1734, f.251. – AOM (R) 173, f.493. – 2 ta' Frar 1736.**

MATTEOLO BRINCAT, bin il-mejjet Giovanni, c. 77 sena, minn Casal Qrendi, *sano per la Dio Gratia di mente, sensi et intelletto benche' infermo di corpo in questo Sacro Ospedale* irid jagħmel dan it-testment *per mano di me Priore di d.to Ospedale*.

It-testatur jordna lil ibnu Francesco li jħallas is-somma ta' 15-il skud biex jikteb it-testatur fil-Kongregazzjoni tal-Agonija, imwaqqfa fl-imsemmi raħal, u l-kumplament tas-somma f'quddies lett ċelebrat fl-imsemmi raħal għall-intenzjoni tat-testatur. It-testatur iħalli 15-il skud biex jitqassmu lill-foqra. Jistitwixxi u jinnomina lil ibnu Francesco u l-ulied tal-mejjet Gio Pietro, eredi universali tiegħu, jiġifieri parti waħda lil Francesco, u t-tieni parti l-oħra lill-imsemmija ulied il-mejjet Gio Pietro.

**AOM (O) 1734, f.230. – AOM (R) 1723, f.504. – 17 ta' Awwissu 1735.**

BENEDETTO FARRUGIA, bin il-mejjet Matteolo, c. 86, minn Casal Qrendi. It-testatur jistitwixxi u jordna *padrona e domina assoluta* tal-beni kollha tiegħu, mobbli u stabbli, preżenti u futuri, lil martu Speranza.

Pubblikat minni Fra Pietro de la Bonlierre, Prijur; xhieda Don Alessandro Agius, Giovanni Grech, gwardjan, Giovanni Galea mill-Belt Valletta; minni reġistrat skrivan tas-S. Infermerija Fra Philippe le Grande de la Giolaye.

**AOM (O) 1752, ff.12-15. – AOM (R) 1724, ff.60-61.**

Nel nome del Signore. Amen. – 5 ta' April 1745.

FRANCESO CALLUS, bin il-mejjet Maruzzo, ta' Casal Qrendi, *sapendo dover morire ha voluto disporre dei suoi beni e dell'anima sua, Il suo cadavere pero vuole che sia atterrato in questo cimiterio.*

It-testatur iħalli *all'E.mo e Rev.mo Grande Maestro di q.sta n.ra S(acra) R(eligione) G(erosolmitana) tarù uno, altro tari' uno all'Ill.mo e Rev.mo nostro Vescovo, altretanto alla Communea, ed un altro tar' al Suo Sig. Paraco.*

Jistitwixxi eredi tiegħu parti lil Speranza, bintu mart Arcangelo Xicluna *in quelle doti all med.a in contemplatione al suop matrimonio con d.to Xicluna.* Jistitwixxi eredi tiegħu parti *a Maria Callus sua figlia scema in grani dieci gorniali da conseguirsi vita sua durante per li suoi alimenti, e vuole che sii governata da Maruzzo Callus sup fratello, quale dovrà conseguire d.ta somma dalli beni d'esso testatore, e ciò per turri, e singoli gius ed azioni, successione paterna e materna, e per quals.a altro titolo, volendo che essa Maria sia contenta colla p.nte disposizione di grani dieci giornali sola, te, e che non possa pretender altro.*

B'titolu ta' prelegat iħalli lil ibnu Maruzzo Callus lo skudi ta' 12 tari' kull skud *da conseguirsi dalli beni ereditarji del med.o testatore per ragion d'alimenti somministrati sia al p.nte giorno a Maria sua figlia.*

Jistitwixxi *e di sua propria bocca nomina eredi universali a.d.to Maruzzo et ad Angelo Callus, suoi figli, abdicando il gius di falcidia, q.le non vuol, che abbia luogo nel p.nte sup testamento.*

Magħmul f'din is-S. Ospedale preżenti ir-Rev. do Alessandro HaGIUS, Agostino Michallef, bin il-mejjet Pietro, mill-Belt Valletta, Gio Domenico Zammit, bin il-mejjet Clemente, mill-Belt Valletta, u Matteolo Sammut, bin il-mejjet Francesco, minn Casal Birchercara, u Paolo Vella, bin Onorato, mill-Belt Valletta, xhieda msejħin, u speċjalment mitluba mill-imsemmi testatur.

**AOM (O) 1755, ff.1-2. – AOM (R) 1724, ff.110-111. – 17 ta' Jannar 1749**

GIUSEPPE FARRUGIA, bin il-mejjet Pietro, c.61, minn Casal Qrendi. Irid li *seguita sua morte* l-katavru tiegħu jindifen f'dan iċ-ċimiterju tal-Infermeria. Wara li ħalla quddies għal ruħu, it-testatur jobbliga lil uliedu Pietro u Giovanni u Maria biex jiktbuh fil-Kongregazzjoni tal-Agonija, imwaqqfa fl-imsemmi raħal.

Pubblikat minn Viċi Prijur Fra Andrea Zammit; xhieda Gio Aquilina, bin il-mejjet Grazio, mill-Għargħur u Giuseppe Aquilina, bin il-mejjet Leonardo minn Ħaż-Żabbar.

**AOM (O) 1736, f.25. – AOM (R) 1724, ff.138-139. Nel nome del Signore. Amen. 7 ta' Lulju 1750.**

GIACOMO CALLEIA, bin il-mejjet Lazzaro, minn



Casal Qrendi, irid li l-katavru tiegħu jindifen fiċ-ċimiterju ta' dan S.S.Ospedale.

Iħalli 15-il skud biex bihom isir quddies, li nofshom jitqaddsu f'dan l-ospedale u n-nofs l-ieħor fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi, liema 15-il skud għandhom jitħallsu f'porzjoni ugwali minn uliedu Tommaso, Salvatore, Clement u Paolo Calleia, li għandhom ukoll iħallsu l-ispejjeż meħtieġa biex jinkiteb fil-Kongregazzjoni tal-Agonija, imwaqqfa fil-Knisja tal-Qrendi, kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-funeral.

*Ordina che Argenta, figlia d'Evangelista, sua figlia, Flaminia, figlia di d.o Tommaso, suo figlio, ed Anna, figlia di Clemente, altro sue figlio, q.li digiunino in pane ed acqua per sei mesi per ciascheduna una volta la settimana, egli lasci ad ogni una di esse scudi due e tari' sei per d.o diguno.*

Jistitwixxi eredi partikulari lil uliedu Grazia u Evanġelista *accasate in tutte quelle doti alle med.e rispettiv.te assegnate nei loro stromenti matrimoniali senza poter pretendere altro dalla di lui eredita.*

Jistitwixxi eredi partikulari lill-imsemmija uliedu Tommaso, Salvatore u Clemente u Paolo Calleia tal-utili dominju u benefikati ta' għelieqi. Jistiwixxi eredi universali lil ibnu Paola Calleia. Pubblikat minni Fr Andrea Zammit, Viċi Prijur tal-imsemmija S. Infermeria, fil-preżenza ta' Domenico Cutajar, bin il-mejjet Mario mill-Belt Pinto, Francesco Cuschieri, bin il-mejjet Michele mill-Belt Valletta, xhieda.

**AOM (O) 1738, f.233. – AOM(R) 1724, F.380. In nome del Signore. Amen. 21 ta' Lulju 1759.**

GIOVANNI CARUANA, bin il-mejjet Clemenzio, mill-Qrendi. Irid li jindifen fil-Knisja taċ-ċimiterju ta-S. Ospedale.

Jistitwixxi eredi universali lil martu Catarina. Pubblikat minni Fr Mederico Audoard, Prijur tal-imsemmi S. Ospedale.

**AOM (R) 1724, f.552. Nel nome del Signore, Amen. – 5 ta' Awwissu 1765.**

GIUSEPPE BUGEJA, bin il-mejjet Andrea, minn Casal Qrendi. Pazjent f'dan l-Ospedale, però f'saħħtu fil-moħħ, vista u intellett, u *ben retto nel suo discorso come si scorge dal suo parlare*, irid jiddisponi għal ruħu.

Iħalli 30 skud għall-funeral tiegħu u dfin fl-knisja taċ-ċimiterju, u dak li jibqa' jsir quddies fil-knisja Parrokkjali tal-Qrendi, b'suffraġju għal ruħu. Jobbliga lill-eredi li jagħmlu sitt quddisiet kantati, waħda kull sena *fra iltermine di sei anni* fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Iħalli wara l-mewt ta' martu Teresa għalqa lil Maria, omm it-testatur. F'każ li l-imsemmija Teresa, li tinsab il-Belt *mandera in luce un bambino o bambina, in caso di morte del bambino o bambina anderà a Maria, madre del testatore*.

Jinnomina eredi universali lil martu Teresa.

Fra Mederico Audoardo, Prijur tal-Ospidale.

